DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/731

tat-28 ta' Mejju 2020

li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Diċembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020, fit-3 ta' Frar 2020 u fis-26 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2019/2157 ([1]), (UE) 2020/102 ([2]), (UE) 2020/144 ([3]) u (UE) 2020/511 ([4]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Alfred BOSCH i PASCUAL, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sa Mireia BORRELL PORTA, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Bernat SOLÉ BARRIL, Member of a Regional Executive: *Gobierno de la Generalitat de Cataluña*;

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sa Elisabet NEBREDA VILA, Representative of a regional body with political accountability to an elected Assembly: *Parlamento de Cataluña*.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
G. GRLIĆ RADMAN